


# Il-Kwadru Titulari jagħlaq mitt sena

*Kitba ta' Pawlu Dimech*

Kien propju fl-1910 li l-pittur Lazzru Pisani pitter il-Kawadru Titulari tat-Trinità Qaddisa għall-Knisja Parrokjali u Matriċi tal-Marsa fejn ħalla ismu u d-data miktuba fin-naħa t'isfel tal-kwadru.



Il-pittur Lazzru Pisani twieled f'Ħaż Żebbuġ Malta fil-15 ta' Diċembru 1854 minn Agostino Pisani u Giuseppa nee Sciortino. Lazzru meta beda' jikber, studja fil-Liċeo taħt il-professur Bellanti u wara taħt Carlo Ignazio Cortis li inġieb Malta ħalli jirrestawra il-pittura ta' Mattia Preti tal-Kon Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Fl-1870 Lazzru Pisani mar Ruma fejn studja taħt Luigi Fontana li kien għamel l-istatwa ta' San Filipu ta' Aggiera għall-parroċċa ta' Ħaż Żebbuġ fl-1863. Huwa kompla l-istudji tiegħu f'*Accademia di San Luca*. Waqt li kien hemm marad bil-malarja u kellu jirritorna Malta, imma fuq insistenza ta' Monsijur Pawlu Pullicino u l-komendatur Ġużeppi Canevelli kompla bil-karriera tiegħu.

Fl-1885 ħa sehem f'wirja f'Londra bil-pittura tal-mewt ta' Abel, fejn poġġietu ma' artisti kbar u ħa midalja tal-fidda. Minn hawn qatt ma' ħares lura u kompla bit-talent tiegħu tal-pittura. Lazzru beda' jiġi imqabbad biex ipitter f'diversi knejjes ta' Malta u Għawdex.



Fost dak li baqa' imsemmi għalih, hija l-pittura tas-saqaf kollu tal-knisja Arċipretali u Bażilika tan-Nadur li fiha nsibu mal-240 biċċa ta' pittura. Lazzru Pisani miet fid-dar tal-villeġġjatura tiegħu f'San Pawl il-Baħar nhar il-31 t'Awwissu 1932 fl-età ta' 78 sena. Huwa kien għadu ipitter fis-saqaf tal-knisja ta' San Nikola s-Siġġiewi u dik l-Imġarr, Għawdex. Huwa kien ġie midfun fil-knisja Arċipretali ta' Ħaż Żebbuġ.

Għall-Knisja Parrokkjali tal-Marsa Lazzru Pisani pitter ħames kwadri. Fl-1910 huwa lesta l-kwardru titulari tat-Trinità Qaddisa u fis-sagristija insibu ż-żewġ kwadri tal-benefatturi ewlenin tal-knisja tal-Marsa jiġifieri wieħed tal-Kavallier Lorenzo Balbi u l-ieħor tas-sinjura Marija Karmena Balbi PEP.



*Kwadru tat-tluq ta' San Pawl minn Malta*



*Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu*





*Il-Kav. Lorenzo Balbi u martu Maria Karmela PEP*

Fl-1912, Lazzru Pisani pitter iż-żewġ kwadri l-oħra, dak tal-Madonna tal-Karmnu bil-bambin tagħti l-labtu lill San Xmun Stock u t-tluq tal-appostlu Missierna San Pawl minn Malta waqt li qed jikonsagra lill San Pubilju bħala Isqof. Huwa daħħal din ix-xena ta' tluq ta' San Pawl minn Malta bħal ma' insibu fl-Atti tal-Appostli, fejn il-Maltin għabbew kull xorta ta' ġid. Dawn il-kwadri kienu ġew restawrati mill-pittur Alfred Briffa fl-1993.

Kienet fuq ix-xewqa tas-sinjura Marija Carmela mart il-kavallier Lorenzo Balbi li l-knisja tiġi dedikata lis-Santissima Trinità. Marija Karmela Balbi fil-kamra tagħha kellha xbieha tal-kurċifiss u taħtu mal-għuda tas-salib kellha imwaħħla santa komuni tat-Trinità Qaddisa fejn hija kienet titlob quddiemha. Kienet din id-devozzjoni lejn din is-santa ċkejkna li waslet biex il-Parroċċa tal-Marsa tiġi dedikata lill-ikbar misteru tal-Fidi tagħna, tat-Trinità Qaddisa u b'hekk saret l-ewwel u l-unika parroċċa b'dan it-titular. Lorenzo Balbi kien qabad u ħallas lill-famuż pittur Lazzru Pisani biex ipitter l-kwadru titulari meta l-knisja kienet għada mhux lesta kollha mill-bini tagħha.